MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 284/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Simon Deguara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Simon Deguara talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Awissu 2005 u fis-sena ta' qabel din id-data:

(a) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (ecstasy) kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni.

(b) ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

(ċ) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina ntabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(d) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (LSD) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

(e) biegħ jew xort’ohra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(f) bejn it-12 u t-13 ta’ Awissu 2005 u fis-snin ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1)(f),

120A(1B), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(2B) tal-Kap 31, l-artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101, illiberat lill-imsemmi Simon Deguara mill-ewwel imputazzjoni u mit-tieni imputazzjoni, ma sabitux ħati tat-tielet imputazzjoni kif dedotta iżda minflok sabitu ħati ta' pussess sempliċi tal-ecstasy, reat li huwa kompriż u involut fir-reat imsemmi fit-tielet imputazzjoni, kif ukoll sabitu ħati tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet, u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €468 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €100 kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mid-data tas-sentenza appellata u, fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Ai fini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti ma ordnatx il-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti stante li dawn inhatru matul inkjesta li nbdiet qabel is-16 ta' Jannar 2006. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni ta' l-affarjiet kollha li għandhom x'jaqsmu mad-droga u li kienu esibiti matul il-proċeduri;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Simon Deguara pprezentat fit-22 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn instabet htija u fejn kien hemm liberazzjoni u fit-tieni lok thassarha u tirrevokaha in kwantu ghall-piena billi tigi applikata piena anqas harxa;

Rat ukoll ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-30 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat Simon Deguara mill-ewwel imputazzjoni;
2. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' pussess semplici tal-ecstasy reat kompriz u nvolut skond it-tielet imputazzjoni;
3. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija skond ir-raba', hames u sitt imputazzjonijiet;
4. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni u

5. minflok issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-appell ta' l-Avukat Generali li qieghed isostni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, u dan wassalha biex tillibera lill-imsemmi Simon Deguara mit-tieni imputazzjoni, cioe` dik ta' traffikar ta' ecstasy. L-Avukat Generali jirreferi ghax-xiehda ta' Simon Deguara stess fejn jghid li "wisq probabbli bighhejtlu [lil Mark Anthony Morales] iva", u ghax-xiehda ta' l-istess Mark Anthony Morales li kkonferma bil-gurament li kien xtara ecstasy minghand Deguara.

Din il-Qorti ezaminat il-provi u senjatament dak li qalu Mark Anthony Morales u Simon Deguara, u filwaqt illi jidher li l-ewwel Qorti kellha taghti aktar piz ghall-provi kif senjalati mill-Avukat Generali dwar dak li qalu dawn iz-zewg persuni fir-rigward, din il-Qorti hi tal-fehma li xorta ma tistax tinstab htija kontra Simon Deguara. Fil-fatt meta Simon Deguara gie arrestat fit-12 ta' Awissu 2005, fil-pussess tieghu kellu mitt pillola suspettati ecstasy izda li minn analizi forensiku rrizulta li kienu jikkontjenu sustanza li mhijiex ikkontrollata. Mill-istqarrija ta' Simon Deguara u mix-xiehda tieghu fl-inkjesta huwa evidenti li huwa kien qieghed jahseb li dawn kienu verament pilloli ecstasy ghax kontinwament jirreferi ghalihom bhala tali. Huwa jindika wkoll minghand min kien xtrahom u jghid li kien hemm okkazjonijet ohra li xtara minghand din l-istess persuna. Meta mbaghad fix-xiehda tieghu jibqa' jirreferi ghall-fatt li "wisq probabbli" biegh ecstasy lil Mark Anthony Morales minghajr indikazzjoni ta' jekk il-pilloli li biegh kinux xort'ohra minn dawk li kien inqabad bihom fit-12 ta' Awissu 2005, u lanqas l-istess Mark Anthony Morales ma jiddeskrivi l-pilloli li xtara minghand Deguara, din il-Qorti ma tista' b'ebda mod tassumi li l-pilloli li Deguara biegh lil Morales kienu jikkontjenu sustanza kkontrollata. Tali

prova hi in effetti ghal kollox mankanti. Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkunsidra l-appell ta’ Simon Deguara (minn hawn ‘il quddiem imsejjah “l-appellant”). Qabel xejn, pero`, irid jigi osservat illi waqt it-trattazzjoni orali saru xi sottomissjonijiet mill-abbli difensur ta’ l-appellant li jimpingu fuq il-mertu tad-dikjarazzjoni ta’ htija dwar il-hames imputazzjoni (traffikar ta’ raza tal-cannabis). L-appell intavolat huwa unikament dwar il-piena u ma jikkontjeni ebda aggravju dwar is-sejbien ta’ htija li ghamlet l-ewwel Qorti. Difatti fl-ahhar paragrafu l-appellant qieghed jitlob biss ir-riforma tal-piena filwaqt illi qieghed jitlob li s-sentenza appellata tigi kkonfermata “f’dik il-parti fejn instabet htija u fejn kien hemm liberazzjoni”. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mark Pace** moghtija fis-7 ta’ Novembru 2002 minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha: **“Hija gurisprudenza ormai pacifika li l-Qorti ta’ l-Appell ma tistax tiehu konjizzjoni ta’ ragunijiet ta’ l-appell, ossia aggravji, li ma jkunux gew imsemmija fir-rikors ta’ appell. Dan johrog car minn dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 505 tal-Kodici Kriminali li tali rikors *‘ghandu jkun fih il-fatti tal-kawza fil-qosor imma cari, ir-raguni ta’ l-appell* (enfazi tal-Qorti) *u t-talba ta’ l-appellant’*.”** Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-uniku aggravju ta’ l-appellant.

Jinghad mill-ewwel li in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[1]

Issa, b’referenza ghat-traffikar ta’ raza tal-cannabis l-appellant jghid li “tali traffikar kien wiehed limitat u ristrett fis-sens illi l-esponenti ma kienx johrog biex ibiegh u

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta’ Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

jittraffika l-cannabis, izda kien xi drabi jaqsam dak li jkollu ma' shabu u ta' dan kien jerga' jigbor dak li jkun nefaq biex xtara huwa stess l-imsemmija rezina."

F'dar-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 li jipprovdi:

**"(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):**

**Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu."**

Fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, it-tnejn decizi fil-5 ta' Mejju 2008, l-imsemmi *proviso* gie spjegat b'dan il-mod:

**"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil**

**haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."**

Huwa evidenti li persuna li jkollha d-droga u taghti lil haddiehor minn dik id-droga bl-istess prezz li kienet xtratha hi, ma tkunx qed taghmel *"sharing"* kif kontemplat fil-ligi. Ghalhekk l-appellant ma jistax jibbenefika mill-artikolu 22(9) tal-Kap. 101.

L-appellant jirreferi ghall-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija sa min stadju inizjali u ghall-fatt li rriforma ruhu. Jghid li ghandu impjieg fiss tajjeb hafna u jekk jispicca l-habs, dak kollu li bena jitkisser. Dawn huma fatturi pozittivi li certament kienu a konoxxenza ta' l-ewwel Qorti wkoll. Dwar l-impjieg din il-Qorti fil-fatt semghet ix-xiehda ta' l-*employer* ta' l-appellant li spjega l-impenn ta' l-appellant fix-xoghol tieghu. Effettivament sallum l-appellant ghandu fedina penali netta, u dan gie osservat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Pero`, il-fatt li persuna jkollha impjieg ma jfissirx li jista' jevita li jaghmel il-kontijiet mas-socjeta`.

L-appellant jghid ukoll illi ghalkemm l-ewwel Qorti qalet illi huwa ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jidhirx illi ghamlet it-tnaqqis naxxenti minn dak l-artikolu. Jissottometti illi jekk sitt xhur prigunerija jitnaqqas minnhom zewg gradi stante l-kooperazzjoni shiha tieghu, il-piena ghandha tkun ta' xahar prigunerija.

L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi l-piena applikabbli ghall-hames imputazzjoni hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u

sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87). Il-piena ta' sitt xhur prigunerija hi l-piena minima applikabbli ghar-reat ta' traffikar ta' medicina perikoluza. Jekk isir tnaqqis ta' zewg gradi mill-piena massima ta' ghaxar snin, il-piena tinzel ghal sitt snin. Jigifieri ghar-reat ikkontemplat fil-hames imputazzjoni l-appellant seta' gie kkundannat anke sitt snin prigunerija bit-tnaqqis ta' zewg gradi. Imbaghad il-Qorti kellha tapplika mhux biss piena ghall-hames imputazzjoni, li fiha hemm assorbita s-sitt imputazzjoni, izda anke terz sa nofs il-piena dwar l-imputazzjoni ta' pussess ta' ecstasy u l-imputazzjoni ta' pussess ta' LSD fejn il-piena applikabbli ghal kull wahda minn dawn l-imputazzjonijiet hi dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur izda mhux izjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew dik il-prigunerija u multa flimkien. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-piena li applikat l-ewwel Qorti kienet mhux biss fil-parametri tal-piena izda vicin l-anqas piena li setghet timponi. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti .

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad kemm l-appell ta' l-Avukat Generali kif ukoll l-appell ta' Simon Deguara u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan illi l-perijodu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------